TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 68/14 (JE).

Joseph Camilleri

vs

Vodafone

Illum, 15 ta' Settembru 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Joseph Camilleri tal-15 ta' April 2014 fejn qal illi fis-16 ta' Novembru 2013 huwa xtara "mobile" Samsung mingħand is-soċjetà konvenuta bil-prezz ta' sitt mija u disgħa u erbgħin euro (€ 649). Dan irriżulta difettuż u meta l-attur xtaq illi jinbidel, intalab iħallas mija u sittin euro (€ 160). Inizjalment, l-attur irrifjuta illi jwettaq tali ħlas imma wara aċċetta li jħallas taħt protesta. Għaldaqstant, l-attur talab "mobile" ekwivalenti u r-rifużjoni tal- € 160 li kien ħallas.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha eċċepiet il-kompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione materiae*, illi l-attur għandu jagħżel ir-rimedju mitlub minnu għax jekk jiġu akkordati ż-żewġ rimedji, l-attur jiġi kkumpensat darbtejn għad-dannu allegat minnu u fil-mertu, irrespinġiet it-talbiet attriċi in toto u stqarret illi d-difett sviluppa b'konsegwenza tal-aġir negliġenti tal-attur u dana mingħajr ħtija da parti tas-soċjetà konvenuta, liema difett ma jikkwalifikax bħala "nuqqas ta' konformità". Għaldaqstant, l-attur m'hu intitolat għal ebda rimedju taħt il-Kap. 378 jew taħt il-garanzija kummerċjali applikabbli.

Ra illi fl-ewwel seduta, l-attur illimita t-talba tiegħu għar-rifużjoni ta' € 160 u s-soċjetà konvenuta rtirat l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tagħha.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi ħareġ ċar mill-provi illi kuntrarjament għal dak allegat mill-attur, il-"mobile" in kwistjoni ma sviluppa l-ebda difett spontanjament u mingħajr azzjoni esterna imma xxaqqaqlu l-iscreen tiegħu illi jista' jkun biss ir-riżultat tal-fatt illi dan il-"mobile" waqa' jew laqqat xi daqqa iebsa. Del resto,

l-attur l-anqas ipproduċa lil ibnu illi skond hu kien juża l-mobile in kwistjoni sabiex jikkonferma illi huwa qatt ma waqqgħu imma straħ biss fuq dak illi qallu l-istess wild privatament.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.